MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 2107/2004/1

**Proinvest Limited**

**vs**

**Giljan *sive* Julian Agius**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta’ Marzu, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,178.75c) rapprezentanti l-prezz ta’ zewg air conditioners li s-socjeta’ attrici xtrat fuq inkarigu tal-konvenut u nstallat fuq

struzzjonijiet tal-konvenut fil-fond 504, Tigne Place, Tigne Street, Sliema.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan essendo li l-pagament reklamat kien diga’ gie effettwat kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Jean Scerri ghas-socjeta’ attrici u ta’ Dr Roberto Montalto ghall-konvenut.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi t-tifel tal-konvenut huwa s-sid tal-post 504, Tigne Place, Tigne Street, Sliema izda l-konvenut kien ghamel ftehim ta’ appalt mas-socjeta’ attrici tramite d-Direttur taghha Mark Micallef sabiex jaghmel diversi xoghlijiet. Il-ftehim originali tad-19 ta’ Gunju, 2001 ma kienx jinkludi provista w installazzjoni ta’ air conditioners.

Fl-istess ftehim hemm dispost illi jekk ikun mehtieg li jsiru extra works, ghandu jkun hemm avviz bil-miktub preventiv.

Sussegwentement il-konvenut informa lis-socjeta’ attrici li ried jinstalla l-air conditioners. Il-konvenut insista illi stante li l-fond in kwistjoni huwa vicin tal-bahar, li huwa jkun jaf x’tip ta’ air conditioners ser jigu nstallati ghax beza’ li altrimenti dawn ma jkunux tajbin bizzejjed biex janticipaw ghas-sadid. Fil-fatt il-konvenut jghid illi hu kien ftiehem ma’ l-attur li jmur mieghu meta ssir tali ordni.

Effettivament pero' jirrizulta illi s-socjeta' attrici xtrat dawn l-air conditioners minghand Blye Engineering Limited u eventwalment dawn gew installati skond l-istruzzjonijiet ta' l-attur. L-air conditioners kienu jiswew l-ammont mitlub f'din il-kawza.

Il-konvenut isostni illi huwa ma nghatax ircevuti jew garanziji in konnessjoni ma' dawn l-air conditioners izda jsostni wkoll illi huwa hallas is-somma ta' sittax-il elf, sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm16,653) lis-socjeta' attrici u li dan il-hlas ghandu jkopri ghall-air conditioners. Huwa spjega illi fix-xoghol li huwa nkluz fil-kuntratt ta' appalt hemm diversi kwistjonijiet u li, jekk ghandu ragun fuqhom, hemm over payment u ghalhekk l-air conditioners jigu li huma mhallsin.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi fil-fatt is-socjeta' attrici ghamlet xoghol ta' appalt li skond id-dokumenti a fol 12 sa 14 tal-process juri li dawn jiswew valur ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u tmenin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm22,480.57c) li minnhom hemm indikazzjoni li sar l-imsemmi pagament akkont biex imbaghad jidher bilanc ta' hamest elef tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm5,827.57c) u minn ezami ta' l-istess dokumenti ma jirrizultax li tali kont jinkludi l-air conditioners in kwistjoni.

Jirrizulta wkoll illi hemm proceduri legali ohra bejn il-partijiet in konnessjoni ma' l-appalt ta' Gunju 2001 fis-sens illi s-socjeta' attrici sstitwiet kawza quddiem Qorti ohra fejn qed titlob presumibilment il-bilanc tal-prezz tax-xoghol ta' l-appalt, pero' mhux inkluzi l-prezz ta' l-air conditioners. Il-konvenut istitwixxa proceduri kontra s-socjeta' attrici billi qed jippretendi li s-socjeta' attrici ma qdietx l-inkarigu lilha moghti u kienet mankanti f'xi affarijiet ohrajn.

Inoltre, s-socjeta' Blye Engineering Limited istitwiet proceduri kontra Mark Micallef (id-Direttur ta' Proinvest Limited) liema kawza giet deciza fl-2004 b'ezitu kontra Mark Micallef. Din l-ahhar kawza tikkoncerna proprju l-prezz ta' l-air conditioners.

Stabbilit il-premess, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Jekk is-socjeta' attrici xtrat materjal jew oggetti u cjoe', l-air conditioners in kwistjoni ghall-beneficcju tal-konvenut u dawn inzammu minnu u li qatt ma talab li dawn jitnehhew, hija ghandha dritt li tiehu rifuzjoni ta' l-istess spiza.

2. Jidher ukoll illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt, liema appalt originarjament ma kienx jikkomprendi x-xiri u provista ta' l-air conditioners izda dawn saru waqt il-lant ta' l-imsemmi appalt.

3. Mill-premess jirrizulta wkoll illi Mark Micallef gie kkundannat ihallas lil Blye Engineering Limited l-istess somma li s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut rapprezentanti l-prezz ta' l-istess air conditioners mertu tal-kawza odjerna.

4. Illi ma jirrizultax li Giljan Agius hallas lis-socjeta' attrici ta' l-istess air conditioners, minkejja li fix-xhieda tieghu jsostni li huwa hallas.

In vista tal-premess, it-Tribunal jidhirlu illi t-talba attrici kif dedotta jisthoqq li tigi milqugha stante illi jirrizulta li l-air conditioners gew suppliti u stante wkoll illi ma jirrizultax li l-konvenut hallas lis-socjeta' attrici. Jekk il-konvenut ghandu xi pretensjonijiet ulterjuri dwar il-provista ta' garanziji jew affarijiet ohra relattivi ghall-istess air conditioners, dawn ma jistghux jirrijentraw fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u tali pretensjonijiet qieghdin ghalhekk jigu riservati pero' jhoss li jkun

> gust u ekwu li minhabba f’hekk ikun hemm dilazzjoni fiz-zmien meta din is-sentenza tista’ tigi esegwita.
>
> Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,178.75c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba b’dan li din is-sentenza ma tistax tigi esegwita qabel ma jkun hemm ezitu finali fil-kawza pendenti bejn il-partijiet u fl-ismijiet inversi u ghalhekk qieghda tigi riservata favur il-konvenut kwalsijasi pretensjoni ulterjuri li jista’ jkollu fil-konfront tas-socjeta’ attrici fir-rigward tal-garanziji ghall-air conditioners suppliti.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici. Hi tikkontesta dik il-parti operativa tas-sentenza fejn it-Tribunal ikkundizzjona l-ezekuzzjoni tal-kundanna ghall-ezitu finali ta’ kawza ohra fl-ismijiet inversi pendenti bejn il-partijiet. Tissottometti illi din il-kundizzjoni hi zbaljata ghax la tezisti kawza ohra fl-ismijiet inversi u lanqas ma ngiebet ebda prova dwarha;

Il-konvenut ma pprezenta ebda twegiba bil-miktub ghal dan l-appell pero` fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti ssolleva l-eccezzjoni tad-dezerzjoni ta’ l-appell u li, f’ kull kaz, in-notifika lilu bil-procedura ta’ l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni ma kienetx konformi mal-ligi ritwali;

Kjarament b’ din l-eccezzjoni tieghu l-appellat qed jikkontempla d-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi fl-ewwel subinciz tieghu illi l-proceduri bil-miktub f’ kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti fi grad ta’ appell fiz-zmien perentorju ta’ sena. Skond it-tieni subinciz dan iz-zmien jibda ghaddej, dejjem quddiem din il-Qorti, minn dakinhar

tal-prezentata tar-rikors ta’ l-appell ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata;

F’ dan il-kaz l-atti juru illi r-rikors ta’ l-appell ghat-thassir u revoka tal-parti tas-sentenza impunjata sar fil-5 ta’ April 2006 izda l-istess ma giex notifikat ghaliex ma kienx indikat in-numru ta’ l-appartament fejn kien jirrisjedi l-appellat. Jirrizulta inoltre illi kienu saru tentattivi ohra fit-13 ta’ Novembru 2006 u fit-13 ta’ Frar 2007, f’ din l-ahhar okkazjoni permezz tal-purtier u wara l-hinijiet legali imma ghal darb’ ohra l-ezitu tan-notifika kien negattiv. Finalment is-socjeta` appellanti permezz tar-rikors taghha tat-28 ta’ Frar 2007 talbet li n-notifika ssir bil-procedura ta’ l-affissjoni, liema talba giet akkordata bid-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-1 ta’ Marzu 2007 u fejn is-socjeta` appellanti giet avvertita biex thares id-dispost ta’ l-Artikolu 187 (3), Kapitolu 12. Is-socjeta` appellanti ghaddiet ghal din il-procedura fit-3 ta’ April 2007 u l-att gie affis fil-postijiet indikati fil-5 ta’ April 2007 (ara riferti). Sunt qasir ta’ dan l-istess att gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-harga tas-17 ta’ April 2007 u fil-gurnal “Malta Today” tal-Hadd, 6 ta’ Mejju 2007;

Jigi notat mill-premess illi nonostante l-ordni ta’ din il-Qorti fid-digriet taghha ta’ l-1 ta’ Marzu 2007, is-socjeta` appellanti naqset milli thares sew ir-rekwiziti kollha ta’ l-Artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 applikabbli bis-sahha u in virtu ta’ l-Artikolu 16 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995 (Kapitolu 380). Ragonevolment, b’ din l-ordni n-notifika li kellha ssir mis-socjeta` appellanti kienet timporta l-osservanza tat-tliet elementi fundamentali ta’ l-imsemmi artikolu, ossija (i) l-affissjoni ta’ kopja ta’ l-att, (ii) li l-att jigi ppubblikat fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern, u (iii) illi l-att jigi mitbugh fil-qosor f’ gurnal ta’ kuljum. Jekk l-ewwel zewg rekwiziti jinsabu sodisfatti mhux l-istess jista’ jinghad ghat-tielet wiehed billi, kif jirrizulta, l-estratt ta’ l-att ma giex ippubblikat f’ gurnal ta’ kuljum izda f’ gurnal tal-Hadd. F’ qaghda bhal din kif kellha okkazjoni tirrimarka l-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, in-notifika ta’ l-att ta’ l-appell ordnata mill-Qorti permezz tal-procedura ta’ affissjoni u

pubblikazzjoni kellha titqies irritwali u bla effett fil-ligi. Ara "**Three Barrels Limited -vs- Joan Schembri *nomine***", Appell, 13 ta' Lulju 2001 ghall-konsiderazzjonijiet zvolti fiha;

Jikkonsegwi minn dan illi ma jistax jinghad li l-procedura bil-miktub quddiem din il-Qorti nghalaq definittivament fiz-zmien statutorju ta' sena minn dakinhar tal-prezentata tar-rikors ta' l-appell. Il-qaghda ghas-socjeta` appellanti lanqas ma hi salvata bit-termini tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 963 ghax, kif ritenut, "*essendo decorso l' anno, questa Corte non puo` applicare il disposto nel paragrafo (3), di detto articolo 980* (illum 963) *che è evidentemente riferibile ai casi in cui la causa, portata in lista prima della conclusione, non si trovasse gia deserta*" ("**Giovanni Coleiro *et* -vs- Anotnio Busuttil *nomine***", Appell Civili, 18 ta' Jannar 1929);

Fil-kaz prezenti, il-perijodu ta' sena mill-prezentata tar-rikors ta' l-appell kien gja skada meta l-istess appell gie appuntat. "Fil-fehma ta' din il-Qorti una volta ghaddiet is-sena preskritta mil-ligi u f' dak il-perijodu l-atti la gew maghluqa u anqas ma l-kawza tpoggiet fuq il-lista, l-appell mar irremedjabilment dezert u l-fatt li l-kawza tpoggiet fuq il-lista wara l-gheluq tas-sena f' kazijiet bhal dan ma jistax jiggjova lill-appellant." ("**Benedict Farrugia -vs- Angelo Bezzina *et***", Appell Kummercjali, 15 ta' Gunju 1988);

Lanqas ma japplika s-subinciz (4) ta' l-istess artikolu il-ghaliex, kif gja nghad, l-appellat insista, meta deher fl-ewwel udjenza, fuq l-eccezzjoni tad-dezerzjoni. Isegwi illi, kif statwit fis-subinciz (6) ta' l-Artikolu 963, is-sentenza appellata saret gudikat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni tad-dezerzjoni, tempestivament sollevata mill-konvenut appellat, u, konsegwentement, ma tiehux aktar konjizzjoni tal-mertu ta' l-appell interpost u tordna l-kancellament tal-

kawza minn fuq il-lista. L-ispejjez jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------